MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2009

Numru. 267/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Christopher Polidano**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christopher Polidano ta' 26 sena, imwieled tal-Pieta' fis-27 ta' Mejju 1979, iben Carmelo u Verginia nee' Micallef u residenti No 71 Triq San Ġorġ Ħal-Qormi u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 269679 (M)

Akkużat talli fil-lejl tat-28 u sbieħ id-29 t'Awwissu 2005

a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina u kokaina, speċifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importażżjoni jew għall-esportazżzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Orinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi **li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu.**

b) Talli sar reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza
tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 t'April, 2001 deċiża mill-Maġistrat A. Micallef Trigona liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-fedina penali ta' l-imputat a fol 4; ic-certifikat tat-twelid tieghu li jgib in-numru 2696 tas-sena 1979; l-Ordni ta' l-Avukat Generali a fol 7; ir-risposta ta' l-imputat li mhux hati a fol 8; il-lista ta' l-oggetti pprezentati mill-prosekuzzjoni li tidher a fol 29; il-proces verbal li kien redatt mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna a fol 38; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 34 u 35; ir-relazzjoni pprezentata minn PC 1253 Fredrick Brincat a fol 56; il-konferma tan-nomina ta' l-esperti a fol 29; ir-relazzjoni pprezentata minn PC 1253 Fredrick Brincat a fol 61 et; ir-relazzjoni ta' l-espert Godwin Sammut a fol 70; ir-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella a fol 101; ir-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes a fol 116 u t-tieni relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes a fol 127; il-prosekuzzjoni li ghalqet il-provi taghha fit-18 ta' Ottubru 2006; in-nomina ta' Martin Bajada biex jaghmel kopja ta' video li kien qed jigi esebit fil-process, liema talba saret

mid-difiza (fol 166); ir-relazzjoni ta' l-istess Martin Bajada a fol 172; ir-recording tat-trattazzjoni li saret fis-6 ta' April 2009.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti skond il-prosekuzzjoni kienu dawn:

Bejn il-lejl tat-28 u 29 ta' Awissu 2005, l-Ispettur Norbert Ciappara kien baghat lil WPS 45 u PC 1220 biex jiccekkjaw jekk kinitx inhbiet xi borza b'xi sustanza suspettata droga gewwa Anici Street Hal Qormi faccata ta' kazin politiku fejn kien hemm plot vojt.

Il-pulizija sabet borza b'sustanza suspettata droga u infurmat lill-Magistrat ta' l-ghassa biex jaghmel inkjesta. L-ispettur kien ta struzzjonijiet lil WPS 45 biex televa dik id-droga u fil-fatt gabitha l-iskwadra ta' kontra d-droga. L-ispettur kien ghadda din id-droga lil Godwin Sammut li kien mahtur mill-Magistrat ta' l-ghassa. Imbghad l-istess spettur pogga observation unit bi tliet persuni mill-iskwadra tieghu. Dan il-unit kellu jara min kien ser jigbor din il-borza. Ghal dik il-borza partikolari hadd ma kien mar jigborha izda faccata ta' dan il-plot mhux mibni kien hemm plot ohra imwaqqa' u gol-hajt deher Christopher Polidano l-imputat jiehu ghal diversi drabi xi affarijiet minn go hajt.

L-Ispettur kien ta struzzjonijiet biex jaraw x'kien hemm fejn kien qed jidher jiehu l-affarijiet l-imputat minn gol-hajt. U kien infurmat li kien hemm xi pakketti zghar suspettati li huma droga. Huwa kien infurmat li Christopher Polidano

kien ghadda minn fuqu, jigifieri minn fuq il-persuna ta’ l-iskwadra u ghal hekk l-element tas-sorpriza seta’ kien spicca.

L-ispettur kien rega informa lill-Magistrat wara li kienu elevaw id-droga li kien hemm u ghaddewha lis-scene of the crime officers. Imbghad ghadda biex arresta lill-imputat.

L-istqarrija ta’ l-imputat

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi l-iktar li kien jahdem kien bil-lejl. Huwa kien dak il-jum hareg ghall-habta ta’ 10.00pm u mar jiekol mat-tfajla tieghu Mary Grace. Huwa kien gie lura xin-12.30am u mar mill-ewwel il-forn. Izda qabel kien mar ghand il-Maypole. Huwa qal li baqa’ l-forn sas-2.30am jew 2.15am. Huwa cahad li ghall-habta tas-1.00am kien mar fil-fond mhux mibni li hemm faccata tad-dar ta’ ommu.

Cahad ukoll li ghall-habta tas-1.20am kien mar ukoll fil-fond mhux mibni li hemm faccata tad-dar ta’ ommu. Huwa qal li ma kellu x’jaqsam xejn mad-droga li kienu gabru l-pulizija. Huwa qal li kien juza droga izda kien ilu wieqaf hafna. Huwa nnega li heba xi droga eroina fil-fond mhux mibni. Innega wkoll li qatt dahal fil-fond mhux mibni li hemm fejn il-kazin politiku.

A fol 44 tal-process jidher li l-Magistrat Inkwerenti kien hatar lis-Sur Godwin Sammut, lil PC 1253 Fredrick Brincat, PC 404 Paul Camilleri u PC 612 Theo Vella bhala esperti mahtura mill-Qorti.

Xehed PC 1253 Fredrick Brincat u PC 404 Paul Camilleri. L-ewwel relazzjoni kienet dwar is-sustanza suspettata droga illi kienet ingabet gewwa l-FSL it-team ta’ l-ispettur Norbert Ciappara. Flimkien ma’ l-analista Godwin Sammut kienu hadu l-uzin taghha u gibdu r-ritratti u sseparaw il-

boroz minn mad-droga. PC 659 Jeffrey Hughes kellu jaghmel ezamijiet ta' fingerprints fuqha. Fl-ewwel relazzjoni hemm sitt ritratti tal-kulur.

L-ghada filghodu ghal xit-3.00am jew 3.45am kienu marru go Anici Street Qormi fejn raw l-oggetti li kienu mohbija go hajt mill-istess triq. Dawn l-affarijiet kienu diga elevawhom il-membri tad-drug squad u allura huma gibdu ritratti taghhom. Dawn l-affarijiet ghaddewhom lil Jeffrey Hughes biex jara jekk kienx hemm xi fingerprints. Fil-kontro ezami huma qalu li kienu marru darba fuq il-post ghall-habta ta' 4.00am. Dwar l-ewwel borza huma ma kienux fuq il-post ghax dik kienet ingabet gol-laboratorju mill-membri tad-Drug Squad.

Fit-tieni relazzjoni ix-xhieda kkonfermaw li huma kienu marru fuq il-post ghall-habta ta' 3.45am. Fuq il-post kien hemm indikati diversi oggetti li kienu fil-pussess ta' WPS 45 u xi oggetti ohra li kienu ghadhom fuq il-post, liema oggetti allegatament kienu instabu fil-post imsemmi u li setghu kellhom xi konnessjonijiet ma abbuz ta' sustanzi llegali. Din ir-relazzjoni huma pprezentaw 14-il ritratt.

Skond l-espert Godwin Sammut huwa kien mar il-Laboratorju Forensiku darbtejn. L-ewwel kien mar fit-28 ta' Awissu 2005 ghall-habta tal-11.30pm. Huwa kien fetah il-borza trasparenti li kien fiha trab ta' lewn kannella u wizen t-trab u ssigillah.

Imbghad rega' mar l-ghada 29 ta' Awissu 2005 ghall-habta tad-9.15am u hemm hekk intwera boroza li kellhom trab ta' lewn kannella u ohrajn li kellhom trab ta' lewn abjad mill-ispettur Norbert Ciappara u fil-presenza tal-pulizija u ta' l-imputat. Huwa kien fetah il-boroz li kien fihom it-trab u ssigilla t-trab f'boroz u hadhom il-laboratorju.

Dan l-analista ghamel zewg konfermi. It-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 661/05/01 sa 661/05/04 kien hemm is-sustanza eroina li kienet tammonta ghal 289.2 grammi.

Imbghad f'estratti mehuda minn trab ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokumenti 661/05/05A sa 661/05/05J instabet is-sustanza kokaina. Il-piz kien ta' 5.87 grammi u l-purita kienet ta' 42%.

Xehdet WPS 45 Marisa Bartolo li qalet li marret Hal Qormi wara li kellha struzzjonijiet biex tara l-movimenti ta' l-imputat. Huwa kellhom josservaw plot li tigi kwazi mar-residenza ta' fejn joqghod l-imputat fl-istess triq. Huma dahlu min-naha ta' wara biex jivverifikaw jekk is-sustanza kinitx mohbija. Wara ftit li dahlu kienet infurmata li nstabet borza b'sustanza kannella. Hija infurmat lill-ispettur fejn taha struzzjonijiet li dik is-sustanza kellha tehodha d-depot u hekk ghamlet. Huma kellhom instructions biex jaghmlu sustanza ohra differenti bhala substitute ta' dik is-sustanza li huma kienu hadu minn fuq il-post.

Hija regghet marret Hal Qormi bis-sustanza li kellhom ipoggu f'xi 11.45pm.

X'hin qabdet il-vicin li tigi genb ma Anici Street setghet tara lill-imputat qieghed fit-triq jippassigga bil-kelb. Wara ghall-habta tas-1.05am raw lill-imputat imur f'hajt faccata u jiehu xi haga minn toqba fil-hajt. Huma baqghu hemm sakemm ikollhom struzzjonijiet x'jista' jsir u regghu raw lill-imputat fis-1.20am (fol 72). Huma ccaqalqu minn hemm hekk u marru fil-post f'Anici Street ezatt fejn raw lil Polidano jiehu l-affarijiet mill-hajt. U setghu jistabilixxu li go dawn it-toqob partikolari li huma kienu rawh imiss kien hemm xi sustanza li ssuspettaw li hija droga. Din tnehhiet mill-hajt, infurmaw lill-ispettur u kif hargu ghax din kienet qisha bicca zghira imharbta, l-imputat ghadda minn fuqhom u huma hasbu li seta' induna bihom. Huma infurmaw lill-ispettur u sabuh tiela bil-mixi bejn is-2.30am u 3.00am.

Sa dan it-tant gew tal-forensika fuq il-post u huma indikawlhom il-postijiet minn fejn kienu elevaw xi droga. Huma fittxew taht sigra tal-harrub fejn kien elevat ammont kbir ta' boroz tal-plastic kemm imqattghin u kemm godda.

U kie gie elevat ukoll mizien. Is-sustanza li kienu hadu mill-hajt ghaddewha lil tal-forensika.

Ix-xhud qalet li hi kienet rat lill-imputat javvicina hajt faccata tal-plot ta’ fejn kienu ghassa huma, jigifieri mhux il-plot fejn kienu ghassa izda faccata ezatt tal-plot (fol 73). Min-naha tat-triq hemm hajt normali ghax kien hemm bicca cint u fuq in-naha tax-xellug hemm sigra tal-harrub u wkoll xi imbarazz li jarmu n-nies.

In kontro ezami ix-xhud qalet li xi jumejn jew tliet ijiem wara kienu marru jippruvaw isibu videos tal-cameras u tkellmet mal-genituri tieghu u dawn kienu qalu li r-recorder kien bil-hsara (fol 76).

Xehed PC 1183 Oliver Borg li qal li huma kienu marru fi Triq Anici ghax hekk kienu l-istruzzjonijiet. Huma kienu fuq il-post fid-9.20pm u infatti instabet id-droga. Huwa kkonferma li WPS 45 kienet marret biha ghand l-ispettur Ciappara gewwa d-depot u li din kienet inbidlet ma sustanza li tixbahha (fol 79). Huma kienu ghamluha fuq il-post fejn kienet ezatt u d-decizjoni kienet li hu jiehu video camera, jiffilmja l-moviment fejn dan l-individwu li kellu jigbor din id-droga jigi fuq il-post. Huwa ghamel sinjal gol-fil, hammel fil biex huwa bil-video camera jkun jista’ jara bla ma jaraw lilu. Infatti fil-video li gie esebit jidher dan. Huma ddecidew li WPS 45 tibqa’ thares minn dik it-toqba waqt li jipprova jahdem mod iehor. Ghall-habta ta’ nofs-il lejl saru jafu li kien hemm Chris Polidano li gharaf fl-awla u li kien hareg bil-kelb dak il-hin. Ghall-habta tas-1.05am, semghu karozza tiela’ u jaraw lil dan l-individwu hiereg minn gol-karozza, imur gol-hajt faccata, u johrog oggett minn gol-hajt, jaghmel ftit sekondi fil-karozza, jerga’ johrog u jpoggi l-istess oggett mal-hajt. Dan gara ezatt fis-1.20am. U ghal hekk ddecidew li jmorru jaraw x’hemm fih dan il-hajt. X’hin marru fuq il-post biex jaraw x’hemm, jiftakar li raw lill-imputat ghaddej u allarmaw ruhhom. Ttiehdet decizjoni li jwaqqfu lill-imputat. L-affarijiet li kienu elevati minn gol-hajt rrizultaw li kienu ammont ta’ droga u dawn ghaddewhom lill-Ispettur Ciappara (fol 81). Imbghad gew il-pulizija tal-mobile u tal-forensika wkoll.

Huwa kien iffilmja lill-policeman li kien hemm maghhom, johrog l-affarijiet minn gol-hajt u rrealizzaw x'setghu kienu.

In kontro ezami a fol 83 dan ix-xhud qal li l-borza li kienu poggew fil-plot l-ohra, hadd ma kien gie ghaliha. Huwa qal li WPS 45 setghet tara kontinwament x'qed jigri waqt li hu kien in-naha l-ohra bil-camera f'idejh biex jistenna l-azzjoni u jigbed. Dan l-istess xhud kien ghamel fil konsiderevoli fil-hajt (fol 84). Bil-fil li kien fetah kien seta' jahdem bil-camera (fol 85). Bhala dawl kien hemm ukoll bozza tal-Gvern. Ma kienx qed ihares hu kontinwament imma kien hemm WPS 45 (fol 86). Fil-fatt WPS 45 kienet telghet fuq kantun u setghet tara kif kienet. L-istess xhud jghid li xeghel il-video camera, ta cans dawk is-7 sekondi u ra lill-individwu qieghed rasu mal-hajt jigbor xi haga u rega' dahal fil-karozza. Huwa ghamel ftit sekondi u rega hareg mill-istess ghalqa u pogga l-oggett fejn kien u dahal fil-karozza. Din grat darbtejn. Huwa qal illi jidhirlu li l-imputat kien jahdem bil-forn. Huwa kien ghamel tfittxija fir-residenza tal-genituri ta' l-imputat pero din kienet wahda negattiva. Huwa kien staqsa wkoll jekk kienx hemm xi video camera li turi fuq barra ghax kienu bdew jahdmu b'iktar kawtela (fol 89). Irrizulta li din il-camera turi fuq il-bieb tal-garaxx taghhom biss, probabbli ghax ghandhom affarijiet ta' valur (fol 89).

A fol 97 xehed l-Ispettur Norbert Ciappara li qal li PS 659 Jeffrey Hughes ma kienx qed jidher fil-process indikat ghaliex il-Magistrat Apap Bologna kien nnomina lil PS 659 Jeffrey Hughes u dan bi zvista l-ispettur ma kienx nizzlu fir-rapport tieghu.

Xehed PS 612 Theo Vella illi pprezenta 29 ritratt. Fil-fatt dawn huma mmarkati 05 CRS 101 BB sa 05 CRS 128. Huwa kien imsejjah biex jaghmel dan l-inkarigu fid-29 ta' Awissu 2005 ghall-habta tad-8.45am. Ir-ritratti juru l-process kollu ta' meta sar l-uzin ta' l-allegat droga.

PS 659 Jeffrey Hughes qal li hu kien nominat fid-29 ta' Awissu 2005. Huwa kien mar il-conference room tal-laboratorju fejn kienu prezenti l-Ispettur Norbert Ciappara, l-espert Godwin Sammut, PS 612 Theo Vella u certu

Christopher Polidano li kien qieghed fl-istess karma u hemm hekk nghata l-affarijiet minghand Godwin Sammut. Fuq il-mejda fl-istess karma kien hemm tliet boroz trasparenti tal-plastic bi trab kannella li gew mmarkati minn 1 sa 3 u borza ohra tal-plastic trasparenti mmarkata bin-numru 4 li kien fiha 10 boroz zghar tal-plastic trasparenti b'ghoqda kull wahda. Fuq dawn il-boroz ma tela' ebda marki ta' impronti digitali. Fir-rapport tieghu l-impronti kienu negattivi.

Xehed PC 1220 Baldacchino li qal li fit-28 ta' Awissu 2005 hu kien flimkien ma SM 45 u PC 1183. Ghall-habta ta' 9.30pm kienu fejn id-dar ta' l-imputat gewwa Triq Anici Hal Qormi. Hu u PC 1183 kienu marru gol-plot ifittxu fil-hajt u sabu borza bi trab kannella suspettata eroina. Kienu haduha, ghaddewha lil WPS 45 li ghaddietha lill-ispettur u inbidlet ma xi haga kannella. Huma qaghdu jistennew biex jaraw jekk l-imputat kien ser jigi jippikkja l-borza. SM 45 kienet bdiet tittawwal minn toqba fil-hajt (fol 109) u qalet tittawwal minnha u ghall-habta tas-1.05am SM 45 gibditilhom l-attenzjoni li l-imputat kien gie fit-triq u qed ibaghbas xi haga mill-hajt tal-faccata.

Ghall-habta tas-1.20am l-imputat rega gie fejn kienu x-xhud u PC 1183 u rawh imiss xi haga minn mal-hajt. Hemm hekk marru jezaminaw x'hemm fil-hajt u fejn miss l-imputat raw gebla u kien hemm borza bi trab kannella u qalghu bicca gebla minn gol-hajt u kien hemm borza bi trab abjad. Huma daru bil-karozza fejn kien hemm l-imputat gej u arrestawh.

Minn fol 111 sa 136 ghandhom x'jaqsmu ma rikors li kien sar biex titnehha l-liberta' provvizorja ta' l-imputat izda ma kinitx daqshekk tajba minhabba nuqqas ta' provi (ara fol 111).

F'Ottubru 2006 xehed l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni, PS 1086 Johann Micallef. Dan kellu jaghmel certu checks fuq is-security systems u l-apparat tal-closed circuit cameras biex jara jekk kienx ghat-tiswija. Il-closed circuit cameras kienu fir-residenza ta' Christopher Polidano. It-tifel ta' l-owner ta' l-Alberta Security Systems informal ix-xhud illi

kien hu stess li sewwa l-apparat dak iz-zmien u dak iz-zmien fit-28 ta’ Awissu 2005 kien qieghed ghat-tiswija ghandu.

Inhatar l-espert Martin Bajada sabiex jaghmel kopja tad-DVD li jinsab Dok NC4. Huwa kien f’posizzjoni jipprezenta r-relazzjoni tieghu (fol 170).

Xhieda difiza

Xehed l-imputat Christopher Polidano li qal li hu jahdem il-hobz ma missieru u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal 18-il sena. Hu jahdem minn nofs-il lejl sal-4.00am (fol 209). Dak inhar qabel kien mar Paceville jiekol mat-tfajla tieghu u imbghad mar ibiddel u mar igib il-hobs minghand il-Maypole (fol 209).

Huwa kien mar il-forn ghal xil-kwarta ta’ filghodu u hemm sab jahdmu lil ommu, missieru u l-lavrant u imbghad tigi Mary Grace. Hu qal li hareg mill-forn xis-2.30am ghax ried imur ma ommu bil-hobz ghax ommu tmur fl-4.00am. Is-soltu kienet tmur ohtu maghha u kienet ma tiflahx. U allura kien tela’ fis-2.30am biex jistrieh naqra. Hu cahad li hareg mill-forn bejn nofs-il lejl jew il-kwarta ta’ filghodu u is-2.30am (fol 212). Hu qal li jekk xi hadd iehor jghid li kien xi mkien iehor, dan mhux vera. X’hin kien sejjer lejn id-dar, waqqfuh il-pulizija. Dawn fittxew id-dar kollha u ma sabu xejn.

L-istqarrija ta’ l-imputat

Fl-istqarrija li kien ghamel lill-pulizija huwa qal li meta spjega li t-tfajla kienet marret id-dar, kienet marret id-dar ta’ omm l-imputat. Din kienet toqghod ma ommu. Hu qal ukoll li kien ilu waqaf jiehu d-droga xi hames snin qabel il-kaz. Hu qal ukoll li xi tliet gimghat qabel kienet arrestatu WPS 45 u haditu d-depot u akkuzatu li kien ghajjar u kellem hazin lil mara ta’ surgent. Dan is-surgent joqghod

ftit boghod minnu u jismu Johann. Hu kien dam arrestat 48 siegha fuq din l-allegazzjoni pero qatt ma tressaq fuq dan il-kaz.

Dak inhar ta' meta kien arrestat in konnessjoni ma dan il-kaz kienet ix-xita (fol 220). U sakemm tigi fit-triq fejn l-ghalqa hija kollha trab u hamrija. Huwa qal li ma kienx ra xi passi ta' xi bniedem fit-triq u hadd ma gabar iz-zarbun tieghu biex jittestjah. Kienu hadulu biss flokk. Huwa rega assigura lill-Qorti li ma kienx hareg mill-forn bejn il-kwarta ta' filghodu u is-2.30am fol 222).

A fol 225 hemm l-istqarrija li kien ghamel in konnessjoni mal-kaz ta' l-allegat tghajjir lill-mara ta' l-ispettur.

Xehdet Virginia Polidano li tigi omm l-imputat. Qalet li jibdew ix-xoghol fil-11.00pm u hi ieqaf ghall-habta tas-2.00am jew 2.15am u titla' d-dar biex tistrieh naqra ghax fl-4.00am tkun trid tmur tqassam il-hobz gewwa z- Zurrieq. Binha jigi fil-kwarta ta' filghodu. Hi qalet li s-soltu johrog fl-4.00am jew 4.30am. Hi qalet illi f'dak il-jum it-tifel kien gie fil-kwarta u gab ix-xoghol minghand il-Maypole, haga li kien jaghmilha kuljum. It-tifel iqatta', ikebbeb, jahbez ghax hu jaf jaghmel kollox. Dak inhar hi kienet telqet fis-2.00am jew 2.15am u s-soltu tmur tqassam il-hobz ma bintha Carol Polidano izda dak inhar kienet sejra ma Chris. Meta harget fis-2.15am lil Chris hallietu l-forn. Il-forn huwa kamra normali jew qisu daqs l-awla kemm kemm ikbar u bhala bibien kien hemm wiehed biss u jinzamm maghluq. Hi qalet illi t-tifel kien jahdem bejn il-kwarta u is-2.15am u ma hareg fl-ebda mument (fol 231).

Xehed Joseph Attard li qal li huwa furnar ma Nenu Polidano. Huwa qal li meta kien jigi l-imputat fil-kwarta ta' filghodu, huwa kien jghinhom ikebbu l-hobz u jaghmluh u jaqilghu l-ghaginiet. Hu jahdem regolarment hemm hekk. Hu qal li dak inhar l-imputat kien hemm xil-kwarta ta' filghodu u s-soltu jitlaq xil-4.30am. Ix-xhud qal li omm l-imputat tmur torqod fis-2.00am biex f'xil-4.00am terga tmur tbiegh il-hobz iz-Zurrieq. Dak inhar ommu kienet qaltlu biex imur warajha u bejn is-2.00am u 2.30am tela' jorqod. Hu qal li kienu jahdmu l-forn hu, jigifieri Joseph

Attard, l-imputat, Mary Grace, Virginia u missieru. Mary Grace tqatta' l-hobz u timlieh fil-boroz. Huwa qal li l-imputat ma kienx hareg bejn il-kwarta u is-2.30am (fol 236). A fol 237 qal li zgurissmu minn dan. U anzi zied jghid la dak inhar u la qabel u lanqas wara ghax dejjem jahdem mill-kwarta sal-4.30am non-stop. Huwa qal li ma jistghux jillargaw minn ma xulxin.

Fil-kontro ezami huwa qal li kien hemm tieqa fuq il-bieb u jifthu lilha. U hemm tieqa wkoll fejn il-burner tal-forn u jifthu lilha ghan-nifs u mhux il-bieb. Huwa baqa' jghid li l-bieb qatt ma jistghu jifthuh huma u dak inhar kien zgur maghluq.

Xehdet Mary Grace Magro li qalet li kienu gew minn Paceville xi nofs-il lejl fid-dar ta' omm Chris Polidano li hija 68 Thank God, Anici Street Qormi. L-ewwel imorru ghall-panini ghand il-Maypole u imbghad il-forn ta' missier l-imputat. Il-bieb ta' barra kien maghluq ghax dan il-bieb ma jistax jinfetah minhabba x-xoghol tal-hobz. Chris kellu jmur ma ommu biex iqassam il-hobz fl-4.00am.

In kontro ezami hi qalet li kienet marret ghand omm l-imputat fis-2.00am u giet lura fis-2.15am. Hi qalet li imbghad jibqghu il-forn u hi baqghet sas-2.00am u telghet ma ommu d-dar. Dan kien xis-2.15am. Hi riedet tmur id-dar biex tmur tiltaqa' ma Chris u dan kien xis-2.15am jew 2.30am. Hija qalet illi meta telqet mill-forn fis-2.00am u telqet id-dar mal-mama tieghu, damu xi 5 jew 7 minuti biex ghamlu hekk. Imbghad marret lura biex tiltaqa' mieghu fis-2.15am. Hawn hekk il-prosekutur u qalilha mela dak il-hin ma kontx taf jekk Chris harigx mill-forn. Ix-xhud qalet ma jistax johrog mill-forn hux (fol 252).

Hawn hekk il-Qorti staqsietha 'Inti ghamilt xi hin mhux il-forn u kont mal-mama ta' Chris?' u r-risposta kienet 'Iva.' Il-prosekuzzjoni staqsieha 'Taf jekk harigx jew le?' (fol 253) Ix-xhud wiegbet 'Imma ahna x-xoghol taghna ma jistax johrog.' Imbghad qalet 'Jiena ghalija ma harigx hux.'

A fol 253 il-Qorti staqsietha ‘Meta kont ghand il-mama ta’ l-imputat, inti rajtu lil Chris?’ Ix-xhud wiegbet ‘Le hux.’

Fir-ri ezami qalet li l-imputat ma jistax johrog mill-forn ghax ma tistax thallieh miftuh. Hi qalet li marret lura ghas-2.05am jew 2.10am.

Il-Qorti a fol 257 qaltilha ‘Mela issa qed jonqsu?’ Daqqa is-2.15am u 2.05am. Hawn hekk ix-xhud regghet kkoregiet ruhha u qalet li fis-2.15am. Il-Qorti hawn hekk kkummentat dwar il-mod kif qed issir id-deposizzjoni (fol 257). Meta marret lura qalet li l-imputat kien qed jahdem. Biex hadet lil omm l-imputat u marret lura kienu ghaddew ftit minuti biss.

A fol 275 xehed Carmel Polidano li jigi missier l-imputat. Hu qal li ibnu gie ghax-xoghol madwar 11.45pm ghax kellu jmur ghall-panini ghax il-panini jixtriehom u mhux jaghmluhom huma. Imbghad jibqa’ hemm sal-4.00am. Il-forn huwa kbir xi 25 pied kwadru u ghandu bieb wiehed fuq barra u tieqa ghal got-toilet. Huwa kkonferma li t-tifel tieghu kellu jmur lura fis-2.30am u kellu jmur lura ma ommu ghax it-tifla kienet pregnant u ma kinitx tiflah. Mistoqsi jekk it-tifel harigx hu qal li ma jistax ghax ix-xoghol taghhom once li tibda tahdmu ma tistax tghid ‘erhilha u imbghad naghmilha.’ Inkella l-ghagin jibda’ jikber u jinfaqa’. Huwa qal li bejn 11.45pm u 2.30am it-tifel ma setax jiccaqlaq mill-forn. Huwa qal li dawk il-hinijiet jkun hemm hu u t-tifel u l-lavrant gol-forn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwel konsidrazzjoni tal-Qorti hija dwar dik il-parti tal-imputazzjoni li biha l-imputat huwa akkużat b’pussess aggravat ta’ eroina. Din il-parti tal-imputazzjoni tirreferi għal meta l-Pulizija kienet bidlet borża eroina li sabet f’ħajt u stenniet li jiġi xi ħadd jiġbor dak li kien sostitwit għall-eroina. Iżda ma nġiebet ebda prova li l-imputat għandu x’jaqsam mal-eroina. (Ara b’mod speċjali fol 83 fejn intqal dan il-kliem:

***'Xhud (PC 1183 Oliver Borg): Jien poġġejt oħra***
***Avukat: Dik l-oħra li poġġejt inti, ġie xi ħadd għaliha?***
***Xhud: Le, le, ma ġie ħadd għaliha.'***

Għalhekk il-parti relevanti tar-relazzjoni forensika hija dak li għandha x'taqsam (ara fol 9 tar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut) mal-preżenza ta' kokaina biss.

Dan ifisser li mill-analiżi tal-espert is-Sur Godwin Sammut il-Qorti trid tislet ir-riżultati li hemm dwar id-dokumenti 661 05 05 A sa 661 05 05 J . Dawn huma għaxar pakketti ta' piż kważi identiku li jvarja minn 0.53 gm sa 0.60 gm u b'purita' bejn is-36% u d-49%.

L-imputat qal fl-istqarrija tiegħu li kien ilu li waqaf milli jieħu d-droga u meta xehed saħansitra ċċara l-punt li l-ħames snin li kien semma huwa u jixhed kienu jmorru lura għal ħames snin qabel it-28 u d-29 t'Awwissu 2005.

Bħala provi l-Pulizija pproduċiet :

(a) Forensikament is-sustanza misjuba; u
(b) Xhieda okulari ta' WPS 45 Marisa Bartolo u PC 1183 Oliver Borg.

Ix-xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo (fol 71 sa 78) (ara fol 72) tirreferi għas-1.05 fejn raw lill-imputat imur f'ħat faċċata u jieħu xi ħaġa minn toqba fil-ħajt. Baqgħu hemm sas-1.20 am u marru fil-post f'Anci Street **eżattament** fejn raw lill-imputat jieħu l-affarijiet mill-ħajt u setgħu jistabilixxu li fit-toqob partikolari li huma rawh imiss, kien hemm xi sustanza li ssusspettaw li kienet droga. Lill-tal-Forensika indikawlhom il-postijiet minn fejn kienu elevaw id-droga. Is-sustanza li ħadu mill-ħajt għaddewha lil tal-forensika. (fol 73) Lill-imputat ratu javviċina faċċata tal-plot ta' fejn kien għassa huma. (fol 73).

PC 1183 Oliver Borg xehed li għall-ħabnta tas-1.05 semgħu karozza tieqaf u raw lill-individwu ħiereġ minn ġol-karozza, imur ġol-ħajt tal-faċċata u joħroġ oġġett minn mal-ħajt, jagħmel ftit sekondi fil-karozza, jerġa' joħroġ u

jpoġġi l-istess oġġett mal-ħajt. Dan ġara fis-1.20am u dak il-ħin raw lill-imputat għaddej. WPS 45 setgħet tara kontinwament x'qed jiġri minn fil li kien fih żewġ pulzieri (Ara fol 84 u 85).

Il-Qorti trid tagħżel bejn żewġ verżjonijiet – dik tal-Prosekuzzjoni fejn żewġ persuni raw lill-imputat fis-1.05am u fis-1.20 am u dik tad-difiża. Id-difiża ipproduċiet lill-imputat (fol 208-223), lil omm l-imputat, Virginia Polidano (fol 226 – 232), lil Joseph Attard (fol 233 – 239), lil Mary Grace Magro (it-tfajla tal-imputat)(fol 244 – 260), u lil Carmel Polidano (missier l-imputat) (fol 275 sa 282). Dawn kollha qalu li l-imputat ma ċċaqlaqx mill-forn min-nofs il-lejl sas-2.30am.

Il-Qorti għarblet lix-xhieda waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda u reġgħet qrat il-verżjonijiet tagħhom għal aktar minn darba.

Il-Qorti ssib li l-verżjoni tal-Membri tal-Pulizija hija attendibbli waqt li l-verżjonijiet tad-difiża mhumiex.

L-ewwelnett il-verita' ma tiddependix min-numri. Il-fatt li d-difiża tellgħet ħames persuni jixhdu (inkluż l-imputat) ma jfissirx li dak li qalu għandu mill-verita' sempliciment għax jissupera n-numru mtella' mill-Prosekuzzjoni. Il-verita' ma toħroġx min-numru tan-nies li jgħidu ħaġa kontra numru ieħor ta' nies li jgħidu xi ħaġa oħra. Seta' kien emm persuna waħda biss li għandha titwemmen u fuq in-naħa l-oħra jkun hemm sitta, disa' jew ħmistax-il persuna li xorta ma jitwemmnux.

It-tieni, il-Pulizija kienet f'pożizzjoni li tara u tosserva tajjeb. Kienet taf lill-persuna li kellha tistenna u mill-fil imħaffer fil-ħajt kien hemm spazju biżżejjed biex wieħed josserva. Oltre dan fil-qrib kien hemm id-dawl tal-gvern.

It-tielet, il-Pulizija ma qagħdetx tlaqlaq meta (i) ma rriżultalha xejn kemm fit-tfittxija fid-dar tal-imputat u (ii) wisq aktar meta qalet ċar u tond li ħadd ma mar jiġbor is-sustanza li kienet sostitwita għall-eroina (li wara kollox kellha piż li jiżboq sew dak tal-kokaina).

Ir-raba', jekk WPS Marisa Bartolo kienet arrestat lill-imputat xi ftit taż-żmien qabel fuq allegazzjoni ta' tgħajjir li l-imputat għamel lil mara ta' surġent, ma jfissirx li issa kienet individwat lill-imputat għaliex dejjem trid twaħħal fih. Mill-proċess jirriżulta li ma ttieħdu ebda passi kontra l-imputat wara li din ix-xhud ħadet stqarrija lill-imputat (ara dok a fol 224). Barra minn hekk, fil-jum in kwistjoni kienet qed topera taħt ordinijiet diretti tas-superjuri tagħha u kienet akkumpanjata minn ħadd ieħor li kkonferma dak li qalet. Se mai, l-arrest ta' qabel serva biex din ix-xhud tkun aktar tista' tagħraf ix-xhud meta mar iqalleb fil-ħajt.

Dwar id-difiża, il-Qorti nnutat li kien hemm min kien addiritura skomdu fuq il-pedana tax-xhieda u kważi ried jixhed fuq x'ġara fil-forn meta kien qiegħed id-dar t'omm l-imputat jew jgħid 'Jien għalija ma ħariġx.' (ara x-xhieda ta' Mary Grace Magro b'mod partikolari li kienet ukoll xejn komda meta bdew jissemmew il-ħinijiet).

Huma skarsi wkoll ir-risposti tal-imputat f'ħin kruċjali tal-eżami tiegħu meta rrisponda sempliċment 'Le' u 'Mhux vera'. (Ara fol 212 u 222). Huwa stramb kif imkien ma jsemmi l-bieb magħluq u li ma setax joħroġ mill-forn minħabba x-xogħol u dan meta xehed f'medda ta' 16-il paġina.

Waqt li tkun fl-Awla, il-Qorti ma tismax biss iżda teżamina kif iġibu ruħhom ix-xhieda. Illum huwa lingwsitikament ippruvat li l-bniedem jikkomunika bil-figura (66% ta' konverżazzjoni) aktar milli bil-kliem u dak li jgħid b'figurtu l-bniedem ma jsitax jikkontrollah bħalama jista' joqgħod attent xi kliem jgħid.

Iżda fuq kollox ix-xhieda tad-difiża kollha (barra l-imputat) donnhom riedu jenfasizzaw żewġ affarijiet (a) li x-xogħol ma tistax titilqu; (b) li hemm bieb wieħed u dan dejjem jinżamm magħluq.

Il-Qorti ma ħassitha xejn konvinta min kif xehdu l-ħames persuni li tellgħet id-difiża. M'hi konvinta xejn bl-istorja tal-bieb magħluq għaliex dan jidher li kien jissakkar biss meta

kien ikun qed jaħdem Joseph Attard bejn it-8.00 u l-11.00 ta' filgħaxija u kien jissakkar dak il-ħin għax Joseph Attard kien ikun jaħdem waħdu. Barra minn dan ebda fornuta ma ser tintilef għaliex bniedem jiftaħ u jagħlaq bieb f'ħames sekondi jew anqas. Lanqas ma qed tememn din il-Qorti l-verżjoni li l-imputat ma setax jiċċaqlaq minn fuq il-post għaliex, skond kif qal Joseph Attard 'ma setgħux jibbendjaw'.

Il-verżjonijiet tax-xhieda tad-difiża, inkluża dik tal-imputat, huma aktar tentattiv biex wieħed jispjega għala l-imputat ma setax joħroġ milli xi verżjoni konvinċenti li l-imputat tassew ma ċċaqlaqx.

Fl-aħħarnett id-difiża ssottometiet li f'dak il-jum kienet ix-xita u l-Pulizija setgħet elevat iż-żarbun tal-imputat ħa tkun tista' tagħmel tqabbil għal xi footprints li seta' kien hemm fuq il-post. Bir-rispett kollha fir-ritratti ma jidhru ebda footprints. Iżda lanqas li kieku dawn eżistew, l-unika konklużjoni li wieħed seta' jiġbed kien li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx din il-prova. Mill-bqija, skond il-Kodiċi Kriminali l-evidenza ta' xhud wieħed hija biżżejjed. Imkien fil-Kap 9 jew f'xi Liġijiet oħra fejn hemm dispożizzjonijiet dwar reati m'hemm rikjesta pluralita' ta' provi.

**Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li x-xhieda tal-Membri tal-Iskwadra tal-Pulizija attendibbli waqt li qed twarrab għal kollox ix-xhieda tad-difiża li ma hija konvinċenti xejn.**

**Għaldaqstant jirriżulta li, fuq dak li xehdu l-Pulizija, l-imputat kellu l-pussess tal-kokaina.**

**It-tieni punt huwa jekk dan il-pussess huwiex pussess aggravat jew le.**

(a) Skond l-eżami forensiku, din il-kokaina kienet tammonta għal 5.87 grammi. Dan mhux ammont żgħir.

(b) Barra dan kienet maqsuma f'għaxar pakketti li kellhom qisu l-istess użin.

(ċ) Fl-aħħarnett l-imputat, kemm fl-istqarrija tiegħu kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda nnega li fiż-żmien tal-arrest kien jieħu d-droga. (Ara fol 35 għall-istqarrija: 'Le kont iżda ili wieqaf ħafna issa.' ) U meta xehed qal li l-aħħar li kien ħa kien ħames snin qabel ma kien arrestat.

**Il-Qorti, wara li eżaminat il-punti (a), (b) u (ċ) f'daqqa m'għandha ebda dubju li l-imputat kellu pussess ta' kokaina f'ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu tiegħu.**

**It-Tieni Imputazzjoni**

L-imputat kien akkużat ukoll li huwa reċidiv. Kopja tas-sentenza li saret referenza għaliha fl-imputazzjoni ma ttellgħetx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 issib lill-imputat (i) ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda limitatament għall-pussess ta'kokaina u dan f'ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu tiegħu;

iżda qed tilliberah minn dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni safejn din għandha x'taqsam ma' pussess ta' eroina f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu tiegħu;

u

qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti qara li rat l-artikoli msemmija, il-fedina penali tal-imputat u ċ-ċirkostanzi tal-każ qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' ħdax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €936 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas

f'daqqa.  Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai termini tal-artikolu 533, peress li l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006, il-Qorti mhix timponi multi fuq ħlasijiet li saru lil dawn l-esperti iżda qed timpooni l-ħlas ta' l-espert jew esperti li kien maħtur jew maħtura matul il-proċeduri quddiem il-Qorti.

Il-Qorti qed tordna d-sitruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------